**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 748/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Mark Cremona)**

**Vs**

**Roderick Camilleri**

**Illum 21 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Roderick Camilleri ta' tlieta u erbgħin (43) sena, iben Alfred u Rita neè Dimech, imwieled il-Pietà fil-25 ta' Novembru 1979, residenti ġewwa Blk D, Fl14, Triq San Ġwann, Birżebbugia, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0550979(M):

1. Talli nhar it-30 ta' Jannar 2023, għall-ħabta tas-18:00hrs u/jew fil-ġimgħat ta' qabel u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioè delitt ta' serq aggravat ta' wires minn ġewwa dawn il-gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur, aggravat bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda ma huwiex iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' GO p.l.c. u/jew persuni jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Nissan Terrano fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq il-vettura ta' l-għamla Nissan Terrano mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

5. U aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar il-vettura ta' l-għamla Nissan Terrano;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Roderick Camilleri għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura mill-ammissjoni tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 7 sa' 15 tal-proċess;

Rat li fuq talba ta' l-imputat ġie ordnat li jitħejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-istess imputat;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2023[1] u rat il-*pre-sentencing report* imħejji minnu fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "GG" a fol.28 sa' 47 tal-proċess;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena u ħadet konjizzjoni tal-fatt li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża ssottomettew li fil-każ in eżami l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation fil-konfront ta' l-imputat, ikun piena idoneja;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli: (1) talli nhar it-30 ta' Jannar 2023, għall-ħabta tas-18:00hrs u/jew fil-ġimgħat ta' qabel u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa dawn il-gżejjer, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioè delitt ta' serq aggravat ta' wires minn ġewwa dawn il-gżejjer, ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu li kieku dan id-delitt ġie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-valur, aggravat bil-valur li huwa aktar minn €232.94, iżda ma huwiex iżjed minn €2,329.37, għad-detriment ta' GO p.l.c. u/jew persuni jew entitajiet oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (3) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Nissan Terrano fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta; (4) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq il-vettura ta' l-għamla Nissan Terrano mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni; (5) u aktar talli fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni xort' oħra minn dik mogħtija mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta dwar il-vettura ta' l-għamla Nissan Terrano.

[1] Fol. 25 sa' 27 tal-proċess.

L-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, entro l-parametri però ta' dak osservat iktar 'l isfel f'din is-sentenza.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed jiġi mixli bihom l-imputat u li ġew minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li mill-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li huwa kien già darb' oħra nstab ħati tal-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li rriżulta mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti u mill-*pre-sentencing report* imħejji minnu fir-rigward ta' l-imputat, ossia li l-imsemmi imputat jingħata Ordni ta' Probation fil-massimu tagħha u li matul dan il-perijodu l-istess imputat għandu jżomm kuntatt maċ-Ċentru tad-Detox, mal-keyworker tal-Caritas kif ukoll ma' l-Uffiċjal tal-Probation u dana għall-fini li huwa jegħleb il-vizzju tad-droga li huwa għandu. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, wara li rat u kkunsdrat:

(A) L-Artikoli 17(h), 31, 41(1)(a), 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-Regolamenti 13(2), 32(3) u 44(5)(6)(7)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi ta 'dan il-każ, ossia li l-imputat għandu problema ta 'abbuż ta 'droga kif ukoll għadda minn diversi trawmi matul ħajtu, u anke fid-dawl tal-karattru ta' l-imputat, is-sorveljanza ta 'l-imsemmi imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni sħiħa tiegħu mill-vizzju tad-droga, kif ukoll li jiġu indirizzati t-trawmi li għadda minnhom, u anke sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata l-possibilità li huwa jwettaq reati ulterjuri, ai termini ta 'l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta 'Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta 'Probation għall-perijodu ta ' tlett (3) snin mid-data ta 'din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta 'Ordni ta 'Probation mogħti llum stess u anness ma 'u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputat bi kliem li jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni hekk imposta fuqu, jew jaghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, huwa jista' jingħata sentenza ghar-reati li taghhom qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation tingħata lill-istess imputat.

Fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga u anke għadda minn diversi trawmi matul ħajtu, liema trawmi jeħtieġ jiġu ndirizzati, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament mehtieġ u adattat

biex tiġi indirizzata darba għal dejjem il-problema ta' abbuż ta' droga li huwa għandu u anke biex jiġu ndirizzati t-trawmi li għadda minnhom.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

(B) Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3(1)(2)(b) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tkkundannah għall-ħlas ta' multa ta' €4,660.

Ai termini ta' l-Artikolu 14(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-multa ta' €4,660 hawn imposta fuq l-imputat għandha titħallas minnu fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar konsekuttiv permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' €129.44 il-wieħed, bl-ewwel pagament jagħlaq u jsir dovut fil-21 ta' April 2023. Kull pagament ulterjuri jagħlaq u jsir dovut fit-23 ġurnata ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttiv. Kemm-il darba l-imputat ma jħallasx imqar rata waħda mensili ta' €129.44, l-ammont sħiħ ta' €4,660 jew kwalunkwe bilanċ li jkun għadu dovut għandu jitħallas minnufih u d-disposizzjonijiet tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħoddu għall-kundanna ta' multa u għall-arrest u priġunerija jekk ma jsirx il-ħlas, ikunu jgħoddu fil-konfront ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Epserti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**